MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 205/1999/1

**A.F. Ellis Ltd.**

**vs**

**Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI**

1. B’citazzjoni s-socjeta` attrici, wara li ppremettiet l-isfond tal-kawza, talbet lill-Qorti ta’ Prim’ Istanza sabiex
(i) Tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smiegh tal-kawza, skond l-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12.
(ii) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mitejn hamsa u hamsin lira oltre l-imghaxijiet legali.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. L-appellant odjern eccepixxa fl-ewwel lok illi din il-kawza missha giet istitwita quddiem il-Qrati ta’ Malta stante li l-Ministeru tal-Gustizzja m’huwiex legalment rapprezentat fil-gzira ta’ Ghawdex.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’sentenza preliminari tat-8 ta’ Gunju 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjoni preliminari imqanqla mill-appellant.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

4. Il-konvenut hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell minnha fuq l-aggravju segwenti:

Illi biex waslet ghad-decizjoni taghha l-Qorti tal-Prim’ Istanza strahet fuq is-sentenza moghtija dwar l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* imqanqla fil-kawza fl-ismijiet Maria Rosa Tabone vs Kummissarju ta’ l-Artijiet, moghtija fid-9 ta’ Jannar 1990.

Illi pero` il-fatti f’dik il-kawza kienu alkwantu differenti minn dawk li japplikaw ghall-kaz odjern.

Illi l-appellant qajjem l-eccezzjoni preliminari tieghu ta’ *privilegium fori* proprju ghax kien konxju tal-fatt illi huwa ma jistax jiddelega jew jigi obbligat jiddelega lil xi ufficjal t’Ghawdex il-kompitu illi jidher f’ismu fil-Qorti. Din il-limitazzjoni tissussisti ghar-raguni illi, ghalkemm hemm impjegati u istituzzjonijiet governattivi f’Ghawdex illi jizvolgu attivita` konnessa mal-harsien tal-gustizzja – fosthom il-Qrati u l-Pulizija – dawn jaqghu formalment taht il-gurisdizzjoni tal-Ministeru ghal Ghawdex.

Illi ghalkemm ghal skopijiet ta’ pratticita` jezisti bla dubju certu kuntatt bejn il-Ministeru u dawn l-istituzzjonijiet, dan ma jfissirx illi ministerjalment u gudizzjarjament dawn huma mmexxijin minn u jirrapprezentaw lill-esponent.

Illi l-konsegwenza ta’ dan hija li kull darba li tinstema’ l-kawza irid joqghod jitla’ ufficjali tal-Ministeru minn Malta, b’telf ta’ hin konsegwenti u preokkupanti ghall-Ministru u l-membri ta’ l-istaff tieghu u b’mod illi dawn l-ufficjali jigu assoggettati ghall-vessazzjoni li l-ligi ma tippermettix.

Illi l-fatt illi l-Ministeru tal-Gustizzja sikwit johrog direttivi dwar it-tmexxija tal-Qrati li japplikaw ukoll ghall-Qorti ta’ Ghawdex huwa ammess mill-appellant.  Biss dan ma jfissirx illi l-ufficcjali tal-Qorti f’Ghawdex jirrapprezentaw lill-Ministeru.  L-atti ta’ amministrazzjoni mill-Ministeru tal-Gustizzja jwassal biss sa fejn huwa necessarju sabiex jitmexxa sew il-lat amministrattiv tal-Qrati li ghandu x’jaqsam ma’ l-amminstrazzjoni tal-gustizzja.  Mill-bqija, fejn jidhol *personnel management* li ma jmissx l-amministrazzjoni tal-gustizzja, bhal per ezempju il-hrug tas-salarji, dan qieghed f'idejn il-Ministeru ghal Ghawdex.

Illi l-istess principji japplikaw ghal dak li jirrigwarda l-Kunsilli Lokali.

Illi din is-sitwazzjoni hija frott ta’ soluzzjoni *sui generis* ghat-tmexxija tal-gzira Ghawdxija, li giet imfassla mill-Awtoritajiet u li tinvolvi s-sehem ta’ Ministeru apposta. Pero` dan il-Ministeru ghal Ghawdex m’ghandu x’jaqsam xejn f’din il-kawza u ma kienx parti fil-kuntratt ta’ appalt invokat mill-attur.

Illi l-attur ikkuntratta mal-Ministeru tal-Gustizzja u huwa ma jistax jippretendi li jiftah il-kawza kontra Ministeru iehor jew li jattribwixxi lill-Ministeru tal-Gustizzja il-kwalitajiet ta’ Ministeru iehor.

Illi s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja u Kunsilli Lokali huwa persuna identifikabbli u huwa wkoll persuna li ghandha kemm l-ufficcju kif ukoll ir-residenza taghha f’Malta. Di piu` din il-kawza ma tittrattax dwar

xoghol ezegwit f'Ghawdex u huwa ghalhekk car illi l-azzjoni giet intavolata fil-Qorti ta' Ghawdex biss ghal skopijiet ta' vessazzjoni, ukoll meta wiehed iqis li biex il-kumpannija attrici hadet il-kuntratt ta' appalt ma ddejjqet xejn illi jkollha twettaq ix-xoghol f'Malta!

Illi inoltre apparti mill-fatt illi s-sentenza citata aktar il-fuq kienet titkellem dwar ir-relevanza o meno tal-post ta' abitazzjoni ta' Kap ta' Dipartiment (mentri fil-kawza odjerna il-konvenut appellant m'huwiex Kap ta' Dipartiment izda huwa biss Segretarju Permanenti fid-Dipartiment), wiehed jinnota wkoll li l-ewwel Qorti issorvolat ghal kollox il-principju stabbilit tad-dritt processwali illi *actor sequitur forum rei*, u minflok dehrilha li s-socjeta` attrici ghandu jkollha l-kumdita` li tiftah il-kawza fil-Qorti t'Ghawdex kontra persuna residenti f'Malta u dwar xoghol li sar f'Malta.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka is-sentenza appellata kemm kwantu ghall-kap tad-decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut appellant kif ukoll kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, fis-sens illi tiddikjara li l-istess eccezzjoni preliminari hija valida u ghandha tigi milqugha, u li ghaldaqstant l-ispejjez konnessi ma' tali eccezzjoni ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Ghandu qabel xejn jigi rilevat li fil-mori li l-appell gie differit ghas-sentenza, is-socjeta` appellata dehrilha opportun li taqbad u tipprezenta li taqbad u tipprezenta "sua sponta" nota ta' sottomissjonijiet minghajr ma giet awtorizzata. Tali procedura hija totalment irritwali u ghalhekk din il-Qorti qeghda tordna l-isfilz ta' l-imsemmija nota li giet ipprezentata fis-7 ta' April 2003 mill-atti tal-process. Jirrizulta illi s-socjeta` appellata harrket lill-appellant, li qed jidher in rapprezentanza tal-Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali, in konnessjoni ma' hlas bilancjali li allegatament ghadu dovut lilha in konnessjoni ma' appalt moghti lilha mill-konvenut ghall-fornitura u tqeghid ta' xoghol ta' rham u madum tal-muzajk fid-"Dar

ta' Katalunja", Triq Marsamxett, Valletta, gia` sede tal-Ministeru kkoncernat.

6. Fost numru ta' eccezzjonijiet preliminarji u fil-meritu, il-konvenut appellant eccepixxa preliminarjament n-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri billi skond l-appellant l-kawza in ezami "jmissha giet istitwita quddiem il-Qrati ta' Malta stante li l-Minsteru tal-Gustizzja m'huwiex legalment rapprezentat fil-Gzira ta' Ghawdex".

7. Ikkunsidrat li din l-eccezzjoni giet michuda mill-Ewwel Qorti wara li l-imsemmija Qorti rriferiet u bbazat ruhha in toto fuq decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Jannar 1990 fil-kawza fl-ismijiet "Maria Rosa Tabone – vs – Il-Kummissarju ta' l-Artijiet".

8. Ikkunsidrat li effettivament l-eccezzjoni tal-konvenut tista' tigi inkwadrata taht l-eccezzjoni tal-privilegium fori, kif del resto jiddikjara l-istess konvenut fir-rikors ta' appell tieghu. Dan qieghed jinghad ukoll ghar-raguni li kif giet ifformulata l-ewwel eccezzjoni m'hijiex u ma kenitx ghal kollox cara u lanqas m'hija sufficjentement definita.

9. Illi mill-atti tal-kawza ghandu jirrizulta li bhala ufficju centrali l-ministeru mharrek mis-socjeta` appellata huwa stabbilit f'Malta. Di fatti l-att tac-citazzjoni gie innotifikat lill-konvenut f' "Hotel de La Ville", fi Triq l-Arcisqof, Valletta, Malta. Jirrizulta wkoll li ghalkemm l-Ministeru kkoncernat illum ma baqax jopera principalment minn dan l-indirizz pero` baqa` xorta wahda stabbilit fil-gzira ta' Malta, u mhux dik Ghawdxija. Huwa pacifiku wkoll li l-appalt u l-obbligazzjonijiet naxxenti minnu gew kondotti u esegwiti fil-gzira ta' Malta u mhux fil-gzira ta' Ghawdex.

10. Ikkunsidrat illi fid-definizzjoni ta' Malta kif moghtija mill-Kostituzzjoni ta' Malta – hekk ara l-artikolu 124(1), citat anke mis-socjeta` appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet li din ipprezentat quddiem l-ewwel Qorti, - "Malta tfisser il-gzira ta' Malta, il-gzira f'Ghawdex u l-gzejjer l-ohra ta' l-Arcipelagu Malti, maghduda l-ibhra territorjali".

Mill-premess ghandu ghalhekk isegwi li l-Gvern ta’ Malta huwa wiehed komuni kemm ghall-gzira ta’ Malta kif ukoll ghall-gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna, minkejja l-fatt li skond il-ligi tal-procedura dawn ghandhom gurisdizzjoni separata.

11. Ikkunsidrat li skond l-artikolu 767 tal-Kap. 12, il-beneficcju tal-*privilegium fori* msemmi fil-paragrafu (c) ta’ l-artikolu 741 hu moghti lill-persuni li joqghodu fil-gzira ta’ Malta rigward il-qrati ta’ dik il-gzira, u lil dawk li joqghodu fil-gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna rigward il-Qorti ta’ dawk il-gzejjer. Dan il-privilegg ghalhekk huwa marbut mal-fatt ta’ residenza u dan huwa hekk minhabba l-principju legali ta’ l-“*actor sequitur forum rei*”. Il-kwezit ghalhekk li jrid jigi indirizzat hu dan: f’dawk il-kazi li jikkoncernaw ministeri jew dipartimenti governattivi, xi kriterji ghandhom jitqiesu bhala li ghandhom japplikaw? Ghandha rilevanza f’kazi simili r-residenza personali tal-persuna li tkun tokkupa l-kariga in rapprezentanza tal-ministeru jew dipartiment governattiv li jkun qed jigi mharrek? Fejn hi r-“residenza” ta’ ministeru jew dipartiment governattiv? Ghal dawn id-domandi l-ewwel Qorti strahet fuq decizjoni anterjuri moghtija fil-kawza fl-ismijiet “Maria Rosa Tabone – vs – Kummissjarju ta’ l-Artijiet” fid-9 ta’ Jannar 1990 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta’ Appell u li inter alia rriteniet in propozitu dan li gej,

“Wara l-emenda fl-Artikolu 181 (gia` 180A) tal-Kap. 12, introdotta bl-Att XXIII tal-1971 li pprovdiet inter alia li f’kaz ta’ skrittura pprezentata kontra kap ta’ dipartiment ma jkunx hemm il-htiega li tissemma’ l-persuna li jkollha dik il-kariga imma huwa bizzejjed li tissemma’ l-kariga, in-nuqqas ta’ rilevanza tal-partikolaritajiet personali ta’ dik il-persuna li tokkupa l-kariga giet enfasizzata u l-legislatur ghamilha iktar cara li l-kariga ghandha tkun distakkata totalment mill-persuna li f’dak iz-zmien tkun qeghdha effettivament tokkupaha. F’kaz ta’ kawza kontra dipartiment governattiv illum huwa zgur id-dipartiment governattiv rapprezentat mill-kap ut sic u mhux il-persuna fizika partikolari li tinzerta tokkupa din il-kariga.

"Ghaldaqstant huwa evidenti li r-residenza partikolari tal-persuna li tokkupa l-kariga f'certu zmien m'ghandha ebda rilevanza ghall-finijiet tal-*privilegium fori*. Ghalhekk il-Qorti trid tghaddi biex tezamina jekk dipartiment Governattiv rapprezentat mill-kap tieghu jistax jitqies li joqghod f'xi gzira jew post partikolari. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, meta dipartiment governattiv jigi stabbilit, dana ma jkunx qed jigi stabbilit biss f'dak il-lokal jew post fejn ikollu l-ufficcju principali tieghu biex jaqdi il-funzjonijiet tieghu, imma jkun stabbilit fl-Istat kollu.

Ghalhekk fejn dipartiment ikollu l-iktar ufficini jew l-ufficju principali m'ghandu ebda rilevanza, billi l-istess dipartiment inkluza l-kariga tal-kap tieghu m'ghandux residenza formali u ma jistax jinghad li joqghod f'xi post u mhux fl-iehor u ghandu jitqies li huwa stabbilit u jiffunzjona anke f'dawk il-lokali fejn l-istess dipartiment m'ghandux ufficcju". (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti, bhall-Qorti ta' qabilha, tikkondividi pjenament dan ir-ratio legis. L-appellant konvenut issottometta li dak li gie ritenut f'dik is-sentenza ma japplikax ghall-kaz in ezami izda din il-Qorti hija ta' fehma differenti. Din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza surreferita hija cara bizzejjed u m'ghandhiex ghalfejn toqghod tidhol f'argumentar irrilevanti dwar tqassim ta' bejn ministeru u iehor kif jaghmel l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu. Bil-fatt imbaghad li s-sentenza "Tabone – vs – Kummissarju ta' l-Artijiet" kienet tinvolvi Kap ta' Dipartiment Governattiv u mhux Segretarju Permanenti f'Ministeru tal-Gvern ma jbiddel assolutament xejn fis-sustanza minn dak li gie ritenut fiha, u ma' liema ragjonament, mutatis mutandi, din il-Qorti diga` qalet li hija konkordi. Illi mis-suespost ghandu ghalhekk isegwi wkoll li lanqas ma jistax jigi invokat il-principju ta' l-"*actor sequitur forum rei*", ghaliex il-foro tal-konvenut jista' jitqies li hu kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex.

12. Minbarra l-kunsiderazzjonijiet suesposti lanqas l-argument sussidjarju dwar li l-obbligazzjoni u l-appalt saru fil-gzira ta' Malta ma ghandu fondament. Dan il-ghaliex

skond ma jiddisponi l-artikolu 770 tal-Kap. 12, il-*privilegium* *fori* jispicca wkoll fil-kawza li tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim kellha tigi esegwita fi gzira partikolari.

Taht kull aspett ta' fatt u ta' dritt ghalhekk l-ebda wiehed mill-aggravji tal-konvenut ma jirrizulta li huwa fondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi kontra tieghu, u ghalhekk ukoll tordna li l-atti processwali jigu rimessi mill-aktar fis quddiem l-ewwel Qorti, a kariku tar-Registratur, sabiex dik l-istess Qorti tkompli bis-smiegh tal-kawza skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------